MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2019

Rikors Maħluf Numru 427/2016 LM

**Rose Spiteri u wliedha Jonathan, Charles u Matthew aħwa Spiteri**

***vs.***

**Gerald Galea (K.I. numru 34550G)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-27 ta' Mejju, 2016 mill-atturi **Rose Spiteri** (K.I. 30463G), **Jonathan Spiteri** (K.I. 457897M), **Charles Spiteri** (K.I. 457997M) u **Matthew Spiteri** (K.I. 457097M), (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn **Rose Spiteri** (K.I. 30463G) stess, li jgħid kif ġej:

***<u>Raġunijiet tat-Talba:</u>***

1. *Illi fid-19 ta' Ġunju, 2013 għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar, fi Triq Santa Marija, Żebbuġ, Għawdex, il-konvenut, dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li*

*jqiegħed il-ħajja ta' John Spiteri f'periklu ċar, saq fid-direzzjoni tal-imsemmi John Spiteri u tajru b'vettura tat-tip Daihatsu Terios b'numru ta' reġistrazzjoni IBJ565 u kkaġunalu l-mewt (Dok. A);*

2. *Illi skont testment datat 14 ta' Awwissu, 2008 fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech (Dok. B), l-attriċi Rose Spiteri ġiet nominata bħala l-eredi universali tal-mejjet John Spiteri filwaqt li l-atturi l-oħra, li huma ulied il-mejjet John Spiteri għandhom id-dritt għas-sehem riservat u għalhekk, ilkoll għandhom interess li jiġu likwidati, skont il-liġi, id-danni kkawżati mill-konvenut meta huwa kkaġuna l-mewt ta' John Spiteri;*

3. *Illi skont ir-riċerki testamentarji hawn annessi (Dok. C u Dok. D), jirriżulta li l-imsemmi testment datat 14 ta' Awwissu, 2008 huwa l-uniku u l-aħħar testment tad-defunt John Spiteri u ta' martu l-attriċi;*

4. *Illi b'kawża tal-akkadut hawn appena imsemmi, l-atturi sofrew danni u għalhekk huma intitolati għal ħlas tad-danni skont il-liġi;*

5. *Illi minkejja li l-konvenut ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni hawn fuq imsemmija huwa baqa' inadempjenti u għalhekk kellhom jittieħdu dawn il-proċeduri.*

***<u>Talbiet:</u>***

*Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull ordni u dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni jew meħtieġa fiċ-ċirkostanzi:*

1. ***Tiddikjara** lill-konvenut unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi b'riżultat tad-delitt li seħħ fid-19 ta' Ġunju, 2013 meta l-istess konvenut doložament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' John Spiteri f'periklu ċar, saq fid-direzzjoni tal-imsemmi John Spiteri u tajru b'vettura tat-tip Daihatsu Terios b'numru ta' reġistrazzjoni IBJ 565 u kkaġunalu l-mewt;*

2. ***Tillikwida** d-danni kkawżati lill-atturi mill-konvenut occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. ***Tikkundanna** lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datati 1 ta' Settembru, 2014 (ittra uffiċjali numru 469/14) u dik tat-30 ta' Diċembru, 2014 (ittra uffiċjali numru 711/2014), kontra l-konvenut li minn issa huwa imħarrek sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Gerald Galea** (K.I. 34550G), (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), ippreżentata fit-23 ta' Ġunju, 2016 u maħlufa minnu stess, fejn ġie eċċepit:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jinstabu jiġu respinti bil-qawwa kollha stante illi l-imsemmi inċident li seħħ fid-19 ta' Ġunju, 2013 ġewwa ż-Żebbuġ, Għawdex, seħħ unikament u ġie kkaġunat mill-istess defunt John Spiteri li aggredixxa brutalment mingħajr ebda raġuni lill-intimat esponenti u l-inċident seħħ unikament minħabba l-aġir tiegħu kif ser jirriżulta ampjament waqt is-smigħ tal-provi u kwindi ma hemm ebda dikjarazzjoni ta' responsabbilità li għandha tiġi deċiża fil-konfront tal-intimat;*

2. *Illi konsegwentement din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad u tirrespinġi kull talba għal-likwidazzjoni ta' danni u jsegwi konsegwentement;*

3. *Illi ma hemm ebda kundanna ta' ħlas li għandha tiġi hekk likwidata.*

*Illi l-akkadut inċident seħħ waqt li kienet qed tinstaq il-vettura bir-reġistrazzjoni IBJ-565 debitament assikurata mis-soċjetà assikuratriċi Gasan Mamo Insurance Limited bil-polza tal-assikurazzjoni valida Polza numru J 08090325585 hawn annessa bħala Dokument GG1;*

*Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-proċeduri huma intempestivi stante illi proċess Kriminali għadu pendenti u l-esponenti għandu d-dritt sanċit bil-liġi għas-silenzju sakemm l-istess proċess Kriminali jiġi terminat.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Ġunju, 2019, fejn d-difensuri tal-partijiet ittrattaw il-kawża, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kawża odjerna hija kawża għad-danni wara l-inċident li kien seħħ fid-19 ta' Ġunju, 2013 fi Triq Santa Marija, Żebbuġ, Għawdex, fejn skont l-atturi, il-konvenut saq il-vettura tiegħu għal fuq id-defunt John Spiteri u tajru dolożament bil-ħsieb li joqtlu jew li jqegħedlu ħajtu f'periklu ċar. Konsegwenza tal-ġrieħi li sofra fl-imsemmi inċident, John Spiteri tilef ħajtu fl-Isptar ta' Għawdex ftit sigħat wara. L-atturi, li huma l-armla u wlied John Spiteri, qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni, kemm dawk materjali kif ukoll dawk konsistenti f'telf ta' qligħ futur, li huma jgħidu li sofrew konsegwenza tat-telfa ta' John Spiteri. Fit-talbiet tagħhom l-atturi qegħdin jitolbu *inter alia* li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi riżultat tad-delitt tad-19 ta' Ġunju, 2013, meta l-konvenut ikkaġuna l-mewt ta' John Spiteri. Min-naħa tiegħu Il-konvenut wieġeb li hu mhux ħati għall-akkadut, u l-inċident ġie kkawżat mid-defunt John Spiteri li aggredixxa lill-konvenut b'mod brutali. Il-konvenut ċaħad li hu għandu jġorr xi responsabbilità għal dak li seħħ, jew li hu għandu jiġi kkundannat iħallas xi forma ta' danni lill-atturi. Il-konvenut eċċepixxa ukoll li dawn il-proċeduri huma intempestivi, minħabba li meta nfetħet din il-kawża, il-proċeduri kriminali fil-konfront tal-konvenut kienu għadhom ma ġewx fi tmiemhom.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors maħluf, l-atturi ppreżentaw kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' John Spiteri, minn fejn jirriżulta li dan tilef ħajtu fid-19 ta' Ġunju, 2013[1]; kopja tat-testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tal-14 ta' Awwissu, 2008[2], li kien sar minn John u Rose Spiteri, minn fejn jirriżulta li d-defunt John Spiteri ħalla prelegat favur martu Rose tad-dritt ta' użu u użufrutt tal-beni kollha tiegħu, kif ukoll innominaha bħala eredi universali tal-beni kollha tiegħu; u kopja tar-riċerki testamentarji li saru f'isem John Spiteri.[3]

Min-naħa tiegħu l-konvenut flimkien mar-risposta maħlufa tiegħu, ippreżenta kopja taċ-ċertifikat tal-assikurazzjoni fir-rigward tal-vettura tal-għamla Daihatsu Terios li kienet qiegħda tinstaq minnu fil-ħin tal-inċident.[4]

Permezz ta' nota tad-29 ta' Settembru, 2016, l-atturi ppreżentaw kopja tal-atti tal-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Gerald Galea**.[5]

L-attur **Matthew Joe Spiteri** fl-*affidavit* tiegħu qal[6] li hu kien preżenti meta missieru John Spiteri safa maqtul, bil-konsegwenza li hu għadu sal-lum ibati minn ġrieħi fiżiċi u effetti psikoloġiċi serji. Ix-xhud qal li hu għandu gabbana li minnha jbiegħ l-ikel, u din il-gabbana kienu ramawha hu u missieru madwar tliet snin qabel l-inċident. Qal li fix-xitwa din kienet tintrama fil-parkeġġ tar-Rabat, Għawdex, filwaqt li fis-sajf kien jarmaha fil-parkeġġ tal-Qbajjar Promenade, fejn seħħ l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud spjega kif hu kien ilu tlett isjuf jarma fil-Promenade tal-Qbajjar, u kif dak tal-2013 kellu jkun ir-raba' sajf

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.
[2] *A fol.* 6 tal-proċess.
[3] *A fol.* 9 *et seq.* tal-proċess.
[4] *A fol.* 15 tal-proċess.
[5] *A fol.* 82 *et seq.* tal-proċess.
[6] *A fol.* 26 tal-proċess.

tiegħu jopera minn dan is-sit. Qal li fid-19 ta' Ġunju, 2013, għall-ħabta tas-2:00p.m., hu niżel flimkien ma' missieru ġewwa l-*parking* tal-Qbajjar biex jarmaw id-dawl għall-gabbana, u għal dan il-għan kienu miftehmin ma' tad-dawl, li kien sejjer iqabbad id-dawl permezz ta' *cherry picker*. Ix-xhud qal ukoll li huma kellhom il-permess tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ, Għawdex biex jagħmlu dan. Spjega kif il-persuna li kellu jmur jarma d-dawl ma setax imur fil-ħin miftiehem, u għalhekk hu u missieru reġgħu waħlu l-arbli fit-toqob li kien hemm fuq il-post, u telqu. Ix-xhud ippreċiża li l-gabbana ġiet armata fl-istess post fejn kienet fis-sjuf ta' qabel, u hu u missieru reġgħu rritornaw fuq il-post għall-ħabta tat-3:00p.m. sabiex jistennew lil tad-dawl jiġi. Żied jispjega li sakemm kienu qegħdin jistennew, kien hemm zokk ta' xitla selvaġġa li hu beda jaqta' b'mannarett minħabba li wieħed seta' faċilment jitfixkel fih meta jitwaħħlu l-arbli tad-dawl. Qal li hekk kif kien qiegħed jiżbor din ix-xitla, ġie raġel bil-vettura tiegħu, saq fid-direzzjoni tagħhom, u beda jgħajjat u jgħidilhom li ser jirrappurtahom lill-Pulizija, kif ukoll li mhux ser iħallihom jarmaw iżjed f'dak is-sit fis-sajf. Ix-xhud qal li kemm hu kif ukoll missieru qalulu li seta' jmur jirrapporta. Kompla jgħid li din il-persuna, li ġiet identifikata bħala Gerald Galea, il-konvenut f'dawn il-proċeduri, baqa' jinsisti u jkun aggressiv fi kliemu, u meta ra li x-xhud u missieru ma bdewx jagħtuh widen, aktar beda jsir aggressiv. Żied jgħid li f'ħin minnhom missieru mar viċin il-vettura ta' din il-persuna u talbu jmur lura minn fejn ġie. Qal li dak il-ħin hu beda jipprova jikteb in-numru tal-vettura ta' Galea fuq il-*mobile* tiegħu, waqt li missieru u Galea komplew jikkustinjaw, tant hu hekk li f'ħin minnhom hu ra lil missieru jagħti daqqa ta' ponn lil Galea. Qal li dak il-ħin hu ġibed lil missieru, li mexa lejn id-direzzjoni tat-*truck* tiegħu, u kien f'dak il-mument li hu induna li missieru kellu d-demm nieżel ma' xofftu, 'l isfel lejn geddumu. Kompla jgħid li

dak il-ħin il-konvenut beda jirrejżja l-vettura tiegħu u jgħajjat ma' missieru, u beda wkoll isuq b'mod perikoluż, tant hu hekk li f'ħin minnhom ix-xhud li kien qiegħed fuq in-naħa ta' wara tal-vettura ta' Galea, ħaseb li Galea kien ser itajru meta beda jsuq b'lura, iżda rnexxielu jevitah. Ix-xhud spjega kif sadanittant, il-konvenut baqa' jdur mal-parkeġġ u jgħajjat ma' missieru. F'ħin minnhom il-konvenut saq irrankat fid-direzzjoni ta' missieru, li kien qiegħed mal-kaxxa tat-trakk tiegħu fil-ġenb fuq wara, u ħakem lil missieru. Bid-daqqa missier ix-xhud spiċċa fuq il-*bonnet* tal-vettura ta' Galea. Il-konvenut mexxa lil missier ix-xhud madwar għaxar piedi, sakemm dan waqa' minn fuq il-*bonnet* u ġie fl-art, u Galea baqa' għaddej minn fuqu bl-erba' roti tal-vettura tiegħu, u ċjoé kemm b'dawk ta' quddiem, kif ukoll b'dawk ta' wara. Ix-xhud qal li mbagħad il-konvenut ipprova jsuq għal fuqu *gas down*, iżda ix-xhud irnexxielu jaqbad mal-ħġieġa tal-vettura tal-konvenut min-naħa tax-xufier, u tah daqqtejn ta' ponn biex forsi jieqaf, u wara ftit waqa' minn mal-karozza u mar jiġri fuq missieru. Matthew Joe Spiteri żied jgħid li dak il-ħin il-konvenut reġa' dawwar il-vettura u pprova jerġa' jsuq għal fuqhom, iżda fl-aħħar ftit biddel id-direzzjoni u baqa' dieħel ġo siġra, fejn waqfet il-vettura tal-konvenut. Ix-xhud kompla jgħid li dak il-ħin hu ġera fid-direzzjoni tal-konvenut, iżda laħqu nġabru għadd ta' persuni fuq il-post, li rnexxielhom jifirduhom. Qal li xħin avviċina lil missieru, dan ma kienx f'sensih, u fi ftit minuti waslu fuq il-post l-Pulizija u ambulanza. Qal li l-Pulizija ma ħallewhx isuq, iżda kien hemm xi qraba li wassluh l-isptar. Ix-xhud qal li missieru miet ftit sigħat wara, u dak il-ħin li missieru tilef ħajtu, hu kien qiegħed jinżamm fl-għassa tal-Pulizija, u għalhekk ma kienx ħdejh. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li hu għadu jieħu l-kura minħabba fil-konsegwenzi psikoloġiċi li dan l-inċident ħalla fuqu.

L-attriċi **Rose Spiteri**, mart il-vittma, fl-*affidavit* tagħha qalet[7] li dakinhar li miet, żewġha kellu 54 sena, u flimkien huma kellhom tlett itfal, l-atturi l-oħra fil-kawża. Ix-xhud spjegat li żewġha kien jaħdem fix-xogħol tal-kostruzzjoni u kellu n-negozju tiegħu, kif ukoll kellu dħul mill-bejgħ li jsir mill-gabbana. Qalet li konsegwenza ta' dan l-inċident hi sofriet danni materjali kif ukoll telf ta' qligħ futur. Qalet li t-trakk tat-tip Isuzu li kien bih żewġha meta seħħ l-inċident, kien intlaqat minn Gerald Galea waqt l-inċident, u għalhekk hi kienet biegħetu. Ix-xhud esebiet diversi rċevuti b'rabta mal-ispejjeż tal-funeral. Qalet li wara l-mewt ta' żewġha hi għamlet tmien xhur ma tersaqx lejn ħanut li hija kellha ġewwa r-Rabat, Għawdex, tant hu hekk li dan kien jitmexxa mill-ħaddiema tagħha, u hija ma kelliex paga. L-attriċi qalet li wara l-inċident kemm hi, kif ukoll binha Matthew kellhom bżonn għajnuna psikjatrika. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li dan l-inċident affettwalha kull aspett ta' ħajjitha, u konsegwenza ta' dak li ġara, binha Matthew li kien preżenti waqt l-inċident, għadu jsofri ħafna psikoloġikament, tant hu hekk li hi tibża' tħallih waħdu. Ix-xhud ippreżentat għadd ta' dokumenti b'rabta mad-dħul li kellu żewġha, kif ukoll irċevuti ta' spejjeż li hija kellha tagħmel konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.[8]

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2016 xehed l-**Ispettur Bernard Spiteri**[9], li qal li hu kien wieħed mill-uffiċjali tal-Pulizija li investigaw il-każ fejn spiċċa tilef ħajtu John Spiteri. Ix-xhud spjega li dakinhar tas-16 ta' Ġunju, 2013, għall-ħabta tal-4:00p.m., il-Pulizija ġiet infurmata li kien seħħ incident fil-parkeġġ tal-Qbajjar, Marsalforn. Qal li meta l-Pulizija waslu fuq il-post, irriżultalhom li kien hemm argument bejn John Spiteri u l-konvenut Gerald Galea, u dan l-

[7] *A fol.* 29 tal-proċess.
[8] *A fol.* 30 *et seq.* tal-proċess.
[9] *A fol.* 1400 tal-proċess.

argument qam dwar fergħa ta' sigra tal-bruka mifruxa mal-art, li iben Spiteri kien qiegħed jipprova jneħħi minħabba li fuq is-sit huma kull sajf jarmaw gabbana, filwaqt li l-konvenut mar jilmenta ma' Spiteri u ibnu għax kienu qegħdin jaqtgħu minn dis-siġra. Ix-xhud qal li l-Pulizija mill-investigazzjonijiet tagħha kien irriżulta li John Spiteri kien ta daqqa lill-konvenut Gerald Galea, u dan min-naħa tiegħu daħal fil-karozza tiegħu u saq fid-direzzjoni ta' Spiteri. Sadanittant Spiteri kien mar wara t-trakk għax kien rah lil Galea ġej għalih u Galea daħal bejn it-trakk u s-siġra u ċ-ċint u kaxkru bil-karozza li kien qiegħed isuq. Ix-xhud qal li fil-ħin li seħħ l-inċident, Spiteri kienu għadhom ma ramawx il-gabbana tagħhom. Ix-xhud qal li hu ma rax lil John Spiteri fuq il-post tal-inċident, għax meta waslu l-Pulizija, dan kien diġà ttieħed l-isptar bl-ambulanza. Peress li John Spiteri kien f'qagħda kritika ħafna meta ttieħed l-isptar, kienet ġiet infurmata l-Maġistrat tal-Għassa li ordnat inkjesta. Lix-xhud sarlu riferiment għal għadd ta' ritratti li ġew ippreżentati fl-atti tal-inkjesta maġisterjali, esebiti fl-atti tal-kawża odjerna[10], sabiex seta' jispjega id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal li Gerald Galea daħal fil-karozza tiegħu u saq fid-direzzjoni ta' John Spiteri, tajru frontalment, u wara għadda minn fuqu. John Spiteri nqabad taħt il-karozza misjuqha mill-konvenut u spiċċa tkaxkar taħtha għal ċerta distanza. Ix-xhud qal li qabel tajjar lil John Saliba, il-konvenut ħabat mat-trakk ta' Saliba.

Waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2017 xehed il-**Perit Shawn Micallef**[11], li kien inħatar bħala espert mill-Qorti tal-Maġistrati sabiex jaċċedi fuq is-sit fejn seħħ l-inċident u jagħmel il-konstatazzjonijiet tiegħu. Ix-xhud għamel riferiment

[10] *A fol.* 706 *et seq.* tal-proċess.
[11] *A fol.* 1426 tal-proċess.

għal xi ritratti li ttieħdu minnu, bħala parti mill-atti tal-inkjesta maġisterjali[12], u spjega li dawn ir-ritratti u *sketches* tal-vetturi, juru l-ħsara li ġarrbu l-istess vetturi. Ix-xhud għamel riferiment ukoll għall-pjanta li huwa għamel tal-post tal-inċident, fejn indika fejn kienu jinsabu l-vetturi wara l-inċident u fejn instabu mitluqa kemm John Saliba, kif ukoll Gerald Galea.[13]

Fl-istess udjenza xehed **Raymond Calleja**[14], li qal li hu joqgħod fl-inħawi fejn seħħ l-inċident, u dakinhar tal-inċident waqt li kien qiegħed ġewwa daru, huwa sema' ħoss ta' *tyres* iwerżqu, u żied jgħid li mill-ewwel ħareġ jittawwal mill-veranda. Spjega li kien dak il-ħin li hu lemaħ persuna mal-art li kienet qiegħda tgħajjat bl-uġigħ, u dak il-ħin hu ċempel għall-ambulanza. Qal li fi ftit ħin bdew iduru n-nies mal-persuna li kienet fl-art. Ix-xhud qal li hu fl-ebda ħin ma niżel fil-parkeġġ biex jara x'kien ġara.

Waqt l-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2017 xehdet l-attriċi, **Rose Spiteri**[15], li qalet li hi ma kinitx taħdem mar-raġel tagħha, u dan kellu *accountant* li kien jeħodlu ħsieb l-affarijiet tan-negozju. Ix-xhud qalet li l-ħanut tal-ħwejjeġ kien inxtara fiż-żwieġ, u żiedet tgħid li dan għadu qiegħed jopera anki wara l-mewt ta' żewġha. Ix-xhud qalet li hi għamlet madwar tmien xhur ma tersaqx lejn il-ħanut tagħha wara l-mewt ta' żewġha, għalkemm qalet li kellha tnejn jew tliet impjegati li kienu jieħdu l-paga. Ix-xhud qalet li fix-xhur ta' wara l-mewt ta' żewġha, l-impjegati li tħallew fil-ħanut kienu jbigħu mill-istokk li kien hemm għaliex hi ma kellhiex moħħ issiefer biex tixtri materjal ġdid.

[12] *A fol.* 190 *et seq.* tal-proċess.
[13] *A fol.* 192 tal-proċess.
[14] *A fol.* 1428 tal-proċess.
[15] *A fol.* 1439 tal-proċess.

Il-kontroeżami tal-attriċi tkompla fl-udjenza tat-13 ta' Frar, 2018[16], fejn esebiet kopji tad-dħul u d-dikjarazzjonijiet ta' qligħ li hi kellha mill-ħanut tal-ħwejjeġ. L-attriċi spjegat li l-*profit and loss accounts* tal-ħanut tagħha kienu jsiru mill-*accountant* Joe Cordina, u biex jagħmel dan ix-xogħol, hi u r-raġel tagħha kienu jgħaddulu l-irċevuti tax-xiri tal-istokk u dan kien iqabbel mar-rendikont tal-bejgħ li kien isir mill-ħanut. Ix-xhud qalet li hija ma kinitx tieħu paga ta' kull xahar minn dan il-ħanut, iżda kienet tieħu l-qligħ li kien jiġi ġġenerat. Ix-xhud qalet li fil-passat hija kellha ħanut bl-isem 'Stitches', iżda sussegwentement dan il-ħanut ingħalaq, u fetħet ħanut ieħor bl-isem 'The Look' li minnu kienet tbiegħ ħwejjeġ tan-nisa kif ukoll tal-irġiel. Qalet ukoll li madwar sena wara l-mewt ta' żewġha, hija biddlet l-isem ta' dan il-ħanut, li sar jismu 'Camisa'. B'riferiment għad-dokument *a fol.* 68 tal-proċess, fejn hemm il-*profit and loss account* fir-rigward tal-ħanut tal-ħwejjeġ, l-attriċi qalet li hija kienet tħallas il-kera tal-ħanut lil ċertu Peter Saliba. Ix-xhud esebiet kopja tal-*profit and loss account* tal-ħanut tal-ħwejjeġ fir-rigward tas-snin 2017[17], 2016[18], 2015[19], 2014[20], 2013[21], 2012[22], u 2011[23], minn fejn jirriżulta li wara s-sena 2012, il-profitti ġġenerati minn dan il-ħanut naqsu drastikament, €7,756 fis-sena 2012 a paragun ma' qligħ nett ta' €2,472 fis-sena 2017. L-attriċi kkonfermat li żewġha kellu polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja.

Fl-udjenza tat-13 ta' Frar, 2018 xehed wieħed mill-atturi, **Charles Spiteri**[24], li jiġi wkoll iben il-vittma, li qal li hu kien ġie kkuntattjat minn kuntrattur Malti

[16] *A fol.* 1446 tal-proċess.
[17] *A fol.* 1451 tal-proċess.
[18] *A fol.* 1452 tal-proċess.
[19] *A fol.* 1453 tal-proċess.
[20] *A fol.* 1454 tal-proċess.
[21] *A fol.* 1455 tal-proċess.
[22] *A fol.* 1456 tal-proċess.
[23] *A fol.* 1457 tal-proċess.
[24] *A fol.* 1458 tal-proċess.

sabiex ibiegħu t-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni AAR 813, l-istess trakk li kien bih missieru fil-ħin li fih seħħ l-inċident. Ix-xhud qal li hu ma jafx kemm kien il-prezz tal-bejgħ ta' dan it-trakk, għalkemm qal li hu jidhirlu li t-talba tal-familja tiegħu kienet għal €5,000.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Frar, 2018, sar il-kontroeżami tal-attur **Jonathan Spiteri**[25], li qal li hu ma jiftakarx it-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni AAR 813 lil min inbiegħ, għalkemm qal li jidhirlu li l-prezz għall-bejgħ ta' dan it-trakk kien ta' €5,000. Qal li bħala familja huma kienu ddeċidew li jbigħu t-trakk ta' missieru wara li dan ġie nieqes, minħabba li ma felħux jarawh aktar b'għajnejhom. Ix-xhud qal li minkejja li ma jafx id-dettalji, kien jaf li missieru kellu polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja minħabba li kellu xi self bankarju, u żied jgħid li wara l-mewt ta' missieru, ommu kellha tbiegħ appartament li l-familja kellha f'Marsalforn minħabba li waħedha ma setgħetx tħallas aktar dan is-self.

Waqt l-udjenza tas-16 ta' April 2018 reġgħet xehdet **Rose Spiteri**[26], li qalet li r-raġel tagħha kellu żewġ poloz tal-assigurazzjoni, waħda mal-kumpannija Middlesea u l-oħra mal-Bank of Valletta, u meta ġew inkassati dawn il-poloz, dawn intużaw sabiex jagħmlu tajjeb għas-self bankarju li kien hemm mal-HSBC. Ix-xhud qalet li hija qatt ma ħadet xi *cheque* bil-flus tal-poloz, iżda li dan il-flejjes mill-ewwel intużaw sabiex jagħmlu tajjeb għad-dejn li kellu żewġha.[27]

Fl-udjenza tas-16 ta' April 2018, xehed **Christian Dalli**[28], rappreżentant tas-soċjetà Gasan Mamo Insurance Limited, li ppreżenta kopja taċ-ċertifikat tal-

[25] *A fol.* 1460 tal-proċess.
[26] *A fol.* 1465 tal-proċess.
[27] Dokumenti *a fol.* 1469 tal-proċess.
[28] *A fol.* 1474 tal-proċess.

assigurazzjoni viġenti fuq il-vettura tal-għamla Daihatsu Terios li kienet qiegħda tinstaq mill-konvenut fil-ħin tal-inċident.[29] Ix-xhud qal li l-*policy holder* dak iż-żmien kien Joseph Hili, u din il-vettura setgħet tinstaq minn kull persuna li tkun qabżet l-età ta' 25 sena.

Waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju, 2018 xehdet **Dr Annalise Debono,** in rappreżentanza tas-soċjetà Mapfre MSV Life plc[30], li qalet li minn riċerka li għamlet fuq isem id-defunt John Spiteri, irriżulta li dan kellu polza waħda mal-kumpannija Mapfre MSV Life, u r-rikavat minn din il-polza fl-ammont ta' €27,988.77, kien tħallas lil Rose Spiteri.[31]

Waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju, 2018 xehed **Aronne Attard**[32], in rappreżentanza tas-soċjetà HSBC Life Assurance Malta Limited, li qal li mir-riċerka li għamel hu, irriżulta li d-defunt John Spiteri kellu żewġ poloz tal-assigurazzjoni, u t-tnejn li huma kienu poloz ta' protezzjoni li jitħallsu f'każ ta' mewt. Qal li mal-mewt ta' John Spiteri sar ħlas lill-*Home Loans Division* fl-ammont ta' €48,805.03 minħabba li kien hemm *home loan* għax il-poloz kienu *pledged.*

Waqt l-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2018 xehdet **Joyce Agius**[33], Deputat Reġistratur tal-Qorti Kriminali, li ppreżentat vera kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta *vs.* Gerald Galea,** mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 2017.[34] Mill-kopja tas-sentenza esebita jirriżulta li l-konvenut instab ħati mill-ġurati li nhar id-dsatax (19) ta' Ġunju tas-sena 2013

[29] *A fol.* 1476 tal-proċess.
[30] *A fol.* 1487 tal-proċess.
[31] *A fol.* 1490 tal-proċess.
[32] *A fol.* 1496 tal-proċess.
[33] *A fol.* 1314 tal-proċess.
[34] *A fol.* 1315 tal-proċess.

għall-ħabta tat-3:15p.m., fil-parkeġġ sitwat ġewwa Triq Santa Marija, Qbajjar Promenade, Marsalforn, fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, dolożament, u bil-ħsieb li joqtol lil John Spiteri jew li jqegħedlu ħajtu f'periklu ċar, ikkaġunalu l-mewt b'dana però li r-reat tqies skużabbli minħabba li kien ipprovokat b'offiża gravi fuq il-persuna jew b'delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt huwa suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija. Konsegwenza ta' dan il-verdett, il-Qorti Kriminali kkundannat lil Gerald Galea għall-piena ta' ħmistax-il xahar priġunerija, flimkien ma' multa u l-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża.

Fl-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2018, reġgħet xehdet **Dr Annalise Debono**[35], li qalet li l-polza tal-assigurazzjoni li kellu d-defunt John Spiteri kienet tat-tip *comprehensive life plan* jiġifieri *savings,* u din ma kinitx *pledged* jew konnessa ma' xi *loan.*

Permezz ta' nota ppreżentata fis-17 ta' Settembru, 2018, il-konvenut ippreżenta traskrizzjonijiet tad-depożizzjonijiet ta' wħud mix-xhieda li xehdu fil-kawża kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Gerald Galea**.[36]

L-ewwel traskrizzjoni esebita hija dik tax-xhud **Joseph Zammit**[37], li kien wieħed mill-esperti maħtura mill-Maġistrat inkwerenti bħala espert mekkaniku, sabiex jeżamina ż-żewġ vetturi li kienu involuti fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali, dan ix-xhud ta d-dettalji dwar il-ħsarat li hu kkonstata fil-vetturi involuti f'dan l-inċident, bi stima tal-ispejjeż meħtieġa għat-tiswija tagħhom.

[35] *A fol.* 1524 tal-proċess.
[36] *A fol.* 1525 tal-proċess.
[37] *A fol.* 1527 tal-proċess.

Traskrizzjoni oħra mill-atti tal-kawża kriminali li ġiet ippreżentata fl-atti ta' dawn il-proċeduri, hija dik ta' **Matthew Joe Spiteri**[38], li qal li fis-sena 2013 hu kien jaħdem bil-gabbana tal-ikel, għalkemm fiż-żmien meta ta d-depożizzjoni tiegħu, f'Settembru tal-2017, hu kien qiegħed jaħdem bħala ħaddied. Ix-xhud qal li l-gabbana inkwistjoni kienet inbniet minnu u minn missieru, u din kienet tintrama fil-parkeġġ tar-Rabat, Għawdex tul ix-xhur tax-xitwa u fil-parkeġġ tal-Qbajjar tul ix-xhur tas-sajf, u din il-gabbana kienet dejjem tintrama fl-istess post. Waqt id-depożizzjoni tiegħu, ix-xhud spjega kif dakinhar li seħħ l-inċident, hu niżel flimkien ma' missieru fil-parkeġġ tal-Qbajjar fejn kellha tintrama din il-gabbana, sabiex flimkien iwaħħlu t-*temporary meter,* u dan kien għall-ħabta tas-2:30p.m. Qal li dakinhar kellu jmur l-*electrician* fuq il-post. Spjega li hu u missieru daħlu fil-parkeġġ bit-trakk tagħhom, u dak il-ħin ma kienx hemm vetturi oħra fuq il-post. Qal li hekk kif niżel mit-trakk, hu qabad mannarett u beda jaqla' l-ħaxix ħażin li kien qiegħed jikber mal-ġenb tat-triq. Spjega kif waqt li hu kien qiegħed inaddaf mill-ħaxix ħażin iż-żona fejn kellu l-ħsieb li jpoġġi t-*trailer* tal-gabbana, fil-parkeġġ daħal il-konvenut bl-SUV li kien qiegħed isuq, u dan daħal b'mod aggressiv, u waqaf quddiem it-trakk ta' missieru. Ix-xhud spjega dak li ġara fil-mumenti ta' wara b'dan il-mod:

> "Waqaf bil-karozza u qalilna "ħadtilkom in-numru tat-trakk u ħa mmur nirrappurtakom lill-Pulizija", dan qed jgħidulna aggressiv jiġifieri, mhux bħal ma qiegħed inkellimkom jien, fhimt? Qalli, "dik ix-xitla x'ridtha? Għalfejn qtajtha? Mhux biżżejjed tiġi tarma hawnhekk? Mhux biżżejjed? Issa ngħidilkom jien kemm tarmaw is-sena d-dieħla". U jien għidtlu "mur irrapporta jekk għandek tmur tirrapporta". U dan baqa' sejjer, "ma nħallikomx hawn iżjed", u jhedded, u sejjer b'dan il-kliem. U missieri qalli, "ħudlu n-numru tal-karozza tiegħu". Jiena mort quddiem il-karozza tiegħu u missieri f'dak il-ħin kien qiegħed maġenb il-karozza ta' Galea. U t-tilwim u t-theddid għadu sejjer jiġifieri dan. Naf li missieri għamillu,

[38] *A fol.* 1549 tal-proċess.

> "imma itlaq minn hawn, int x'int tagħmel hawn? Mur irraporta, mur, mur fejn għandek tmur."

Ix-xhud żied jgħid li sadanittant il-konvenut baqa' fil-vettura tiegħu, u dak il-ħin ix-xhud resaq quddiem il-vettura tal-konvenut u ħareġ il-*mobile* sabiex jieħu d-dettalji tal-vettura li kienet qiegħda tinstaq minnu. Qal li f'ħin minnhom ra lil missieru jagħti daqqa ta' ponn lil Galea, u kif ra hekk, hu mar jiġri jiġbed lil missieru. Żied jgħid li hekk kif ġibed lil missieru, induna li dan kellu d-demm nieżel ma' xofftu fuq in-naħa tax-xellug. Ix-xhud kompla jgħid li kemm hu kif ukoll missieru bdew jgħidu lill-konvenut biex jitlaq, iżda dan beda jagħfas il-pedala tal-gass tal-vettura li kien qiegħed isuq, jirrejżja l-magna u wara ftit saq b'mod aggressiv lejn id-direzzjoni tagħhom. Ix-xhud qal li hu spiċċa jiġri f'nofs il-parkeġġ fid-direzzjonijiet kollha biex jevita lill-konvenut. Ix-xhud spjega kif wara għadd ta' manuvri, hu ra lil missieru jaqa' fl-art u lill-konvenut jgħaddi minn fuqu bil-karozza bil-gass magħfus. L-attur Matthew Joe Saliba qal ukoll li wara li għadda minn fuq missieru, il-konvenut naqqas ftit il-veloċità tal-vettura u beda jsuq fid-direzzjoni tiegħu. Spjega kif dak il-ħin hu rnexxielu jaqbad mal-pilastru tal-vettura tal-konvenut u jtih daqqa ta' ponn bl-id l-oħra, sakemm imbagħad waqa' u mar fil-post fejn kien hemm missieru mitluq mal-art. Ix-xhud kompla jgħid kif sadanittant il-konvenut reġa' dar, kompla jsuq lejn id-direzzjoni fejn kien hemm missieru, u fl-aħħar ftit kiser u ħabat ġo siġra.

Traskrizzjoni oħra li ġiet esebita kienet dik tal-**Ispettur Bernard Spiteri**[39], li qal li fis-sena 2013, kien stazzjonat bħala Spettur fl-għassa tar-Rabat, Għawdex, u fid-19 ta' Ġunju, 2013, kienet daħlet informazzjoni li kien hemm inċident fil-

[39] *A fol.* 1613 tal-proċess.

parkeġġ tal-Qbajjar, fejn persuna sfat imtajra. Qal li hu mar fuq il-post, fejn sab li l-vittma tal-inċident kien diġà ttieħed l-Isptar, u wara li ġie kkonstatat li dan kien każ ta' attentat ta' qtil, kienet ġiet infurmata l-Maġistrat tal-Għassa sabiex taħtar l-esperti u jsir aċċess. Ix-xhud iddeskriva l-ħsarat li kellhom il-vetturi tal-vittma u tal-konvenut, li dak il-ħin kienu l-uniċi żewġ vetturi fil-parkeġġ inkwistjoni. Żied jgħid li skont l-informazzjoni li l-Pulizija ġabret minn fuq il-post, l-persuni involuti kienu tlewmu dwar siġra li kien hemm fil-parkeġġ. Fil-ħin tal-inċident il-vittma John Spiteri kien flimkien ma' ibnu Matthew qiegħed inaddaf iż-żona fejn kien ser jarma l-gabbana tiegħu. Ix-xhud ikkonferma li l-Pulizija kienet ġiet infurmata li t-tilwima nqalgħet wara il-konvenut Gerald Galea kien ra lil John Spiteri u lil ibnu Matthew qegħdin iqaċċtu xi siġar u dan avviċinahom u staqsihom għaliex kienu qed jagħmlu hekk, kif qalilhom ukoll li kien sejjer jirrappurtahom. Qal li s-sitwazzjoni eskalat, bir-riżultat li John Spiteri aggredixxa fiżikament lill-konvenut, li baqa' dejjem fil-vettura tiegħu. Dak il-ħin il-konvenut l-ewwel saq il-vettura tiegħu bir-*reverse*, u wara ftit saq għal fuq John Spiteri. Żied jgħid li wara li kaxkar lill-vittma, il-konvenut ipprova jsuq ukoll lejn id-direzzjoni ta' iben il-vittma, iżda dan irnexxielu jiskapulah.

Traskrizzjoni oħra ta' xhieda li ġiet esebita hija dik ta' **Raymond Calleja**[40], li joqgħod fl-inħawi fejn seħħ l-inċident, li qal li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien qiegħed id-dar tiegħu jistrieħ, bil-bieb tal-veranda miftuħ, meta f'ħin minnhom sema' twerżiq ta' *tyres*, u krib tal-uġigħ minn persuna. Qal li hu ħareġ fuq il-veranda, ra li kien hemm persuna fl-art, u wara ftit ra li ġiet l-ambulanza fuq il-post.

[40] *A fol.* 1641 tal-proċess.

Ġiet esebita wkoll it-traskrizzjoni tax-xhieda tal-**Perit Shawn Micallef**[41], li qal li wara li seħħ l-inċident huwa kien intalab jassisti fl-inkjesta bħala perit tekniku. Fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti Kriminali, it-traskrizzjoni ta' liema ġiet esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri, ix-xhud spjega l-pjanta li hu ħejja wara li aċċeda fuq is-sit, bid-distanzi bejn il-vetturi, u bil-pożizzjoni li nstabu fiha l-persuni involuti fl-inċident.

Traskrizzjoni oħra ta' xhieda li nstemgħet quddiem il-Qorti Kriminali, u li ġiet esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri, hija dik mogħtija mill-konvenut **Gerald Galea**[42], li qal li qabel seħħ l-inċident inkwistjoni, hu kien ilu jgħix fl-Istati Uniti għal madwar 40 sena, u kien ilu Malta madwar tliet xhur. Il-konvenut spjega lill-Qorti x-xogħol li kien jagħmel fl-Istati Uniti fiex kien jikkonsisti, u qal ukoll li wara li rtira hu involva ruħu f'diversi organizzazzjonijiet volontarji fl-Istat fejn kien jgħix. B'riferiment għal dak li ġara fil-mumenti qabel seħħ l-inċident li wassal għal dawn il-proċeduri, ix-xhud qal li waranofsinhar dakinhar tad-19 ta' Ġunju, 2013, hu ħareġ jittawwal mill-gallerija meta ra trakk għaddej minn fuq xi arbuxelli li kien hemm fil-parkeġġ, u dan it-trakk għadda minn fuqhom madwar tliet darbiet. Kompla jgħid li wara xi ħin, is-sewwieq tat-trakk ħareġ mill-vettura u beda jipprova jqaċċat dawn l-arbuxelli b'idejh, għalkemm wara xi ħin ġab għodda, li hu ddeskriva bħala "*knife*" u fil-fatt kienet mannarett, u beda jqaċċat is-siġar biha. Qal li dak il-ħin hu reġa' daħal f'daru, biddel u beda jipprepara biex iwassal lil ommu is-Santwarju ta' Pinu kif kien jagħmel spiss. Qal li meta ħareġ minn daru ra li t-trakk biż-żewġ persuni fih kienu reġgħu qegħdin fil-parkeġġ, u dak il-ħin iddeċieda li javviċinahom billi jkellimhom mit-tieqa tal-vettura tiegħu, tant hu hekk li daħal fil-parkeġġ u pparkja l-vettura

[41] *A fol.* 1653 tal-proċess.
[42] *A fol.* 1666 tal-proċess.

tiegħu b'mod li ġiet parallella mat-trakk tal-vittma. Żied jgħid li l-ewwel ma avviċina kien lill-missier, u staqsieh x'kienu qegħdin jagħmlu. Żied jgħid li hu kien jaf li l-vittma u ibnu kienu qegħdin iqaċċtu bruka, li hija siġra protetta. Kompla jgħid li l-vittma kien qallu li qiegħed iqaċċat is-siġar minħabba li taħthom jistgħu jitrabbew il-ġrieden, u hu ried li fil-post ikun jista' jarma l-gabbana tiegħu. Il-konvenut qal li dak il-ħin huwa wieġbu:

"Tiġu hawn taqilgħu xi sold imbagħad il-post qed tagħmillu hekk?"

Il-konvenut kompla jgħid li kien dak il-ħin li hu informa lill-vittma li kien ser jeħodlu n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura u jagħmel rapport lill-Pulizija, u fil-fatt ġibed *notebook* li kien iżomm fil-*glove compartment* sabiex jieħu nota tan-numru. Qal li f'dak il-ħin il-vittma beda jaġita ruħu, u talab lil ibnu jieħu n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura misjuqa mill-konvenut sabiex huma wkoll imorru jagħmlu rapport. Qal li dak il-ħin iben il-vittma neħħa l-mannaretta minn idu u niżel jieħu ritratt tal-vettura misjuqa mill-konvenut. Kompla jgħid li f'dak il-ħin il-ħsieb tiegħu kien li jirriversja l-vettura, iżda fi kliem ix-xhud:

"*As I am turning my head to the right I was stunned, really stunned by finding the old man's hand on my throat and the other hand coming at my face fist one right after the other. One right after the other, my head exploding. I leaned into the vehicle to start to avoid him, my right hand is pushing at his face trying to get him away from me, my left hand was now with the shock of the first hit, is off the steering wheel, I had to scramble to find the gear shifter again, pain*

*...*

*My pain was excruciating, it was excruciating pain. My head was dark, swimming, spinning, I kept pushing him away, my glasses are off my face. His son in the meantime has come and he is desperately trying to pull his arms away from my window.*"

Dwar id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident, ix-xhud spjega illi:

> "Yes *I was pressing the gas to get the hell out of there, to get the car into move. But I could not get it to move until my hand reached the gear lever into reverse. There was like my body could not, my brain could not control my body, I could not find that reverse. Finally the son pulls the father out of the window, I finally reversed and the car got out of there like a bat out of hell, very fast. It was gone in circles. I was going anywhere, just kept going in circles. Finally I got the car to stop. No sooner I got it to stop I heard the father saying "madonna ħa nidħol hemm u noqtlok, ħa noqtlok." No sooner he finished ħa noqtlok, the door opens, he lunges inside, again with his hand on my throat and started firing with his fist at my face again. My face, my jaw and one kept coming right after the other, one right after the other. Now I am on my side like this. This man is on top of me, my hand is strapped underneath him. Panic took all over me, fear galore, pain, sweating. I thought my heart was going to come out of my chest and I kept pushing, but I couldn't push. I kept grabbing at the steering wheel, not the steering sorry, the gear shifter. It wouldn't move. My foot is still slammed on the gas. Finally the son pulls the father away and managed to turn my hand and as my hand grabbed the gear shifter it threw it in drive and the car again took off fast, as fast as ...*"

Ix-xhud kompla jispjega kif hu tilef il-kontroll tal-vettura li kien qiegħed isuq, u meta l-vettura waqfet hu pprova joħroġ minnha, iżda sab li l-bieba tan-naħa tas-sewwieq ma setgħetx tinfetaħ, u għalhekk kellu joħroġ mill-bieba tal-passiġġier. Qal li dak il-ħin iben il-vittma beda jagħtih bil-ponn, u beda jisma' ħafna twerżiq u għajjat. Il-konvenut qal li mhux minnu li Matthew Spiteri b'xi mod iddendel mal-vettura tiegħu u beda jipprova jwaqqfu, jew li dan beda jtih bil-ponn dak il-ħin. Żied jgħid li dak il-ħin huwa kien imwerwer.

Traskrizzjoni ta' xhieda oħra ppreżentata mill-atti tal-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta *vs.* Gerald Galea**, hija dik ta' **Marisa Cassar**[43], li għamlet it-testijiet tad-demm fuq il-kampjuni elevati mis-sit tal-inċident. Waqt id-depożizzjoni

[43] *A fol.* 1728 tal-proċess.

tagħha, ix-xhud spjegat lill-ġurati x'kienu r-riżultanzi tat-testijiet li saru minnha.

Traskrizzjoni oħra li wkoll ġiet ippreżentata fl-atti ta' dawn il-proċeduri, hija dik tax-xhieda ta' **Dr Mario Scerri**[44], li wkoll kien ġie maħtur bħala espert tal-Qorti fl-inkjesta li saret, li qal li hu eżamina lill-persuni involuti f'dan l-inċident, u spjega x'sab f'kull każ, inkluż x'irriżulta mill-awtopsja li saret fuq il-vittma John Spiteri. Dan ix-xhud qal li Matthew Spiteri ma kellux abbrażjonijiet jew marki kompatibbli ma' persuna li tinġarr minn vettura.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2018, xehed **George Stagno Navarra**[45], rappreżentant ta' Elmo Insurance Limited, li qal li l-konvenut Gerald Galea ma kienx assigurat mas-soċjetà Elmo Insurance Limited.

Fl-istess udjenza xehdet **Alison Mifsud Brimmer**[46], in rappreżentanza tas-soċjetà HSBC Bank Malta plc, li qalet li f'kont bankarju partikolari, sar depożitu ta' €1,000 minn HSBC Life Assurance Malta Limited, fl-4 ta' Ottubru, 2013.

Waqt l-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 2018 xehed **Chris Camilleri**[47], Deputat Reġistratur tal-Qorti Kriminali, li kkonferma li t-traskrizzjonijiet esebiti minn *a fol.* 1527 tal-proċess 'il quddiem, saru minnu.

Fl-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2018 xehdet **Dr Alessia Zammit McKeon**[48], in rappreżentanza tas-soċjetà Elmo Insurance Limited, li qalet li mir-riċerka li

---

[44] *A fol.* 1738 tal-proċess.
[45] *A fol.* 1798 tal-proċess.
[46] *A fol.* 1800 tal-proċess.
[47] *A fol.* 1805 tal-proċess.
[48] *A fol.* 1818A tal-proċess.

saret minnha irriżulta li kien hemm polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja ta' John Spiteri li bdiet fil-21 ta' Novembru, 2008 u li skadiet fl-20 ta' Lulju, 2013. Ix-xhud qalet li l-*mortgage home credit insurance policy* kienet tkopri *accident and sickness only,* u ma kienx hemm *claims* li ġew reġistrati taħt din il-polza.

Permezz ta' nota tas-26 ta' Novembru, 2018, il-konvenut ppreżenta għadd ta' dokumenti elevati mill-proċess tal-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *vs.* Gerald Galea**.[49]

**Konsiderazzjonijiet legali**

F'kawżi ta' din ix-xorta l-ewwel indaġni li trid issir mill-Qorti hija dwar ir-responsabbilità o meno tal-parti konvenuta għall-akkadut, speċifikament jekk il-konvenut għandux jinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi konsegwenza tal-inċident inkwistjoni jew le. Il-parti attriċi f'din il-kawża hija l-familja ta' John Spiteri, li safa maqtul waqt argument li kellu mal-konvenut. Il-Qorti semgħet kif l-inċident li wassal għal dawn il-proċeduri, u li wassal ukoll sabiex il-konvenut jgħaddi ġuri, qam wara li l-konvenut kien ra lil John Spiteri u lil ibnu Matthew qegħdin iqaċċtu xi friegħi ta' siġra tal-bruka minn mal-ġenb tal-parkeġġ tal-Qbajjar, fl-inħawi ta' Marsalforn, Għawdex, bil-ħsieb li fejn 'naddfu' jpoġġu gabbana li huma jarmaw ta' kull sajf f'dan il-post. Il-konvenut deherlu li kellu javviċina lill-vittma u lil ibnu meta rahom iqaċċtu s-siġra, u fi ftit mumenti l-affarijiet eskalaw tant li skont Matthew Spiteri, sakemm tbaxxa sabiex jieħu ritratt tal-vettura misjuqa mill-konvenut, wara lil missieru ta daqqa ta' ponn lil Gerald Galea, missieru kellu d-demm nieżel minn xofftu, u

[49] *A fol.* 1819 *et seq.* tal-proċess.

għalhekk mar jiġbed lil missieru ’il bogħod mill-konvenut. Jirriżulta wkoll li qabel bdiet l-aggressjoni, il-konvenut kien beda jgħajjat mal-vittma u ma’ ibnu u jistaqsihom għalfejn kienu qegħdin iqaċċtu s-siġra, kif ukoll beda jgħidilhom li kien sejjer jirrappurtahom lill-Pulizija u lill-awtoritajiet sabiex ma jitħallewx jarmaw il-gabbana tagħhom aktar f’dak il-post. Xhieda li kienu viċin tal-post fejn seħħ l-inċident, qalu li huma semgħu ħoss ta’ roti ta’ vettura jiġu rrejżjati. Iben il-vittma Matthew Spiteri, xehed li wara li rnexxielu jiġbed lil missieru minn mal-vettura tal-konvenut, il-konvenut beda jirrejżja l-vettura u f’ħin minnhom saq għal fuq missieru, laqtu, u baqa’ jsuq għal ċerta distanza bil-vittma taħt il-vettura tiegħu, tant hu hekk li kaxkru għal ċerta distanza. Matthew Spiteri jgħid li wara l-konvenut ipprova jsuq fid-direzzjoni tiegħu, għalkemm irnexxielu jiskapulah. Il-Qorti semgħet ukoll lil Matthew Spiteri jixhed kif għal xi ħin dan ġie fl-idejn mal-konvenut, għalkemm mhux ċar jekk dak il-ħin iben il-vittma kienx imqabbad mal-vettura tal-konvenut, peress li mill-provi rriżulta li l-ġrieħi li kellu Matthew Spiteri ma kinux kompatibbli mal-verżjoni mogħtija minnu li hu wkoll ġie mkaxkar mill-konvenut meta rnexxielu jiggranfa mal-pilastru tal-vettura misjuqha mill-konvenut. Il-vittma John Spiteri tilef ħajtu ftit tal-ħin wara, filwaqt li mir-ritratti esebiti jidher ċar li kemm iben il-vittma Matthew Spiteri, kif ukoll il-konvenut kellhom ġrieħi f’diversi partijiet ta’ ġisimhom, għalkemm l-ebda wieħed minnhom ma kien fil-periklu li jitlef ħajtu. Mill-awtopsja li saret fuq il-katavru ta’ John Spiteri[50], irriżulta li l-vittma miet b’riżultat ta’ *blunt trauma* vjolenti li sofra meta ġie mkaxkar għal diversi metri mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Fil-ġuri l-konvenut ġie mibgħut 15-il xahar ħabs, u ġie wkoll ikkundannat iħallas multa u l-ispejjeż tal-kawża kriminali, wara li nstab ħati li dakinhar tad-19 ta’ Ġunju, 2013, huwa aġixxa

[50] *A fol.* 560 tal-proċess.

dolożament u bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja ta' John Spiteri f'periklu ċar, partikolarment meta saq fid-direzzjoni tiegħu u għadda minn fuqu bil-vettura tiegħu, b'dana però li r-reat tqies skużabbli peress li kien ipprovokat b'offiża gravi fuq il-persuna jew b'delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt huwa suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi li tressqu kemm matul dawn il-proċeduri, kif ukoll fl-atti tal-kawża kriminali, wara li permezz ta' verbal tas-26 ta' Novembru, 2018, id-difensuri tal-partijiet qablu li t-traskrizzjonijiet tax-xhieda mogħtija fil-proċeduri kriminali għandhom jgħoddu wkoll bħala provi f'din il-kawża. Mill-provi jirriżulta li qabel seħħ l-inċident inkwistjoni, il-partijiet ma kinux jafu lil xulxin, u għalhekk dak li seħħ bil-konsegwenzi kollha li ġab miegħu, kien riżultat tal-fatt li l-konvenut kien lemaħ lill-vittma u lil ibnu qegħdin iqaċċtu permezz ta' mannarett siġra minn mal-ġenb tal-parkeġġ, u mar fuqhom sabiex jistaqsihom għalfejn kienu qegħdin jagħmlu dan. L-argument eskala wara li l-konvenut hedded lill-vittma u lil ibnu li kien sejjer jagħmel rapport lill-Pulizija u li kien sejjer jiżgura li huma ma jitħallewx jarmaw il-gabbana tagħhom aktar f'dak is-sit. Minkejja li mill-provi rriżulta li l-konvenut baqa' l-ħin kollu fil-vettura tiegħu, u seta' ħassu aggredit bil-prossimità tal-vittma u ta' ibnu fil-ħin li dawn resqu biex ikellmuh, madanakollu jidher li hu ma qagħadx lura milli jirreaġixxi b'aggressjoni. Dak li ġara fil-mumenti ta' wara, jisfida kull sens ta' loġika u raġuni, u assolutament ma jistax jitqies li l-imġiba tal-konvenut Gerald Galea kienet proporzjonat mal-mod kif ġabu ruħhom il-vittma u ibnu. Il-konvenut irrejżja l-vettura tiegħu u mingħajr ma qies xejn, saq fid-direzzjoni tal-vittma, u wara li laqtu, għadda minn fuqu bl-erba' roti tal-karozza li kien qiegħed isuq u kaxkru għal ċerta

distanza. Il-verżjoni mogħtija mill-konvenut quddiem il-Qorti Kriminali kienet li huwa ħassu mhedded u mbeżża', anki għax kien jaf li l-vittma u ibnu kellhom mannarett fil-pussess tagħhom, u fil-ħin meta huwa beda jsuq il-vettura tiegħu bl-addoċċ huwa ma kellux kontroll fuq dak li kien qiegħed jagħmel, tant hu hekk li lanqas kien qiegħed jara. Il-Qorti tqis li dakollu bl-ebda mod m'għandu jitqies bħala skużanti, u ma kien hemm xejn proporzjonat fir-reazzjoni murija mill-konvenut għal dak li setgħu għamlu l-vittma u ibnu. Fis-sentenza fl-ismijiet **Gauci *vs.* Gauci**[51] il-Qorti tal-Appell qalet:

> "U kieku stess min ikkaġuna d-danni ikkaġunahom waqt li kien qiegħed jirreaġixxi, l-iskużanti tal-provokazzjoni lanqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tiegħu ma kinitx proporzjonata."

Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Sciberras vs. Walter Steel**[52] ġie ritenut:

> "Illi l-imħarrek jidher li jsejjes id-difiża tiegħu fuq il-provokazzjoni, jew aħjar id-dagħdigħa tal-mument (magħrufa bħala l-*calor rixae*). Biex isseħħ din id-difiża, ukoll fil-qasam ta' azzjoni ċivili għad-danni, jrid jintwera li jrid ikun hemm grad xieraq ta' proporzjonalità bejn l-għemil meqjus provokatorju u l-għemil li jnissel il-ħsara.[53] Fil-każ tal-lum, din il-proporzjonalità ma teżistix."

Għalhekk il-Qorti tqis li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għad-danni kollha li sofrew l-atturi b'konsegwenza tal-qtil tar-raġel tal-attriċi u ta' missier l-atturi. In vista ta' dan, il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-atturi.

---

[51] Q.A., 30.11.1956.
[52] P.A., 02.03.2006.
[53] **Jane Carbonara pro et noe *vs.* Mark Julian Ryan et**, P.A.,28.01.2004.

Jifdal għalhekk li jiġu likwidati d-danni sofferti mill-atturi b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

*Damnum emergens:*

Bħala prova tad-danni materjali sofferti minnhom, l-atturi ppreżentaw għadd ta' irċevuti marbuta mal-ispejjeż tal-funeral ta' John Spiteri, minn fejn jirriżulta li t-total tal-ispejjeż kien jammonta għal €3,446.24.[54]

Pretensjoni oħra mressqa mill-atturi hija għall-ħlas tal-ispejjeż li saru minn tnejn mill-atturi għall-visti li għamlu għand il-psikjatra Dr Anton Grech, li permezz ta' nota tat-8 ta' Lulju, 2016[55] ikkonferma li kemm Rose Spiteri kif ukoll Matthew Spiteri attendew għal sessjonijiet ta' terapija u kura miegħu, u li sa dakinhar Rose Spiteri kienet attendiet għal 10 sessjonijiet li għalihom sar il-ħlas ta' €45 kull sessjoni, filwaqt li l-attur Matthew Spiteri attenda għal 16-il sessjoni, li għalihom ukoll sar il-ħlas ta' €45 kull sessjoni, sabiex b'hekk kien hemm spejjeż ta' €1,170 f'sessjonijiet mal-psikjatra Dr Anton Grech, li l-atturi xehdu li kellhom bżonn jattendu għalihom minħabba fit-trawma tal-inċident inkwistjoni.[56]

---

[54] €2,409.26 (*fol.* 73) + €219.48 (*fol.* 77 - spiża tal-fjuri li mhix inkluża fl-irċevuta *a fol.* 73) + €300 (*fol.* 79 - kont tad-Djoċesi) + €150 (*fol.* 75 - kant waqt il-quddiesa tal-funeral) + €367.50 (*fol.* 73 - stampar ta' santi. L-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, waslu għal total differenti minn dan. Jidher li huma għoddew l-irċevuti b'mod separat, li uħud minnhom, bħall-avviżi fil-mezzi tax-xandir kienu diġà inklużi fil-kont *a fol.* 73 tal-proċess.
[55] *A fol.* 81 tal-proċess.
[56] Minkejja li din il-prova tressqet mill-atturi fil-bidu ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk jidher li l-ispejjeż li saru b'rabta ma' visti għand Dr Anton Grech huma inklużi fil-pretensjoni tal-atturi, għal xi raġuni din l-ispiża mhix riflessa fin-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-atturi.

*Lucrum cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[57], ġie ritenut:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[58], ġie ritenut illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[59], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili bħal ta' dan il-każ:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et'**, (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu

[57] P.A., 18.02.2013.
[58] P.A., 27.04.2005.
[59] P.A., 25.02.2016.

konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – '**Savona vs Asphar**', Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**, Appell, 20.07.1994)."

L-element tal-*multiplier* huwa element diskrezzjonali li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta. Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[60] dwar il-*multiplier* intqal:

"In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-*chances and changes of life*.

...

Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier,* fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

[60] Q.A., 05.03.1986.

Fis-snin riċenti l-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tal-individwu. F'każ ta' persuna li fiż-żmien tal-inċident kellha l-età ta' 54 sena, ġie stabbilit li l-*multiplier* li għandu jiġi adottat huwa ta' 10.

Il-vittma John Spiteri kellu l-età ta' 54 sena meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża u għalhekk l-Qorti ser tkun qiegħda tadotta *multiplier* ta' 10, tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu 65 sena. Kif inhu stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, f'każ ta' mewt, il-grad ta' debilità sofferta mill-vittma hu meqjus li huwa ta' mija fil-mija (100%). Mill-provi prodotti f'dawn il-proċeduri, jirriżulta li l-attur kien jaħdem għal rasu (*self-employed),* u l-introjtu tiegħu kien mix-xogħol ta' kostruzzjoni li kien jagħmel, kif ukoll mill-bejgħ li kien isir mill-gabbana. Id-dħul tal-attur kien ivarja minn sena għal oħra, u għalhekk anki in vista tal-fatt li jirriżulta li d-dħul tal-attur fis-sena 2012 kien ferm aktar baxx minn snin oħra, il-Qorti sejra taħdem il-medja tad-dħul tiegħu fuq tliet snin, sabiex tasal għas-salarju bażiku li fuqu ser jiġi kkomputat il-*lucrum cessans* f'dan il-każ. Fil-fatt jirriżulta li fis-sena 2010, id-dħul nett ta' John Spiteri mill-kostruzzjoni u mill-gabbana kien jammonta għal €9,677. Fis-sena 2011 id-dħul nett ta' John Spiteri kien jammonta għal €22,433, u fis-sena 2012, id-dħul nett tiegħu kien jammonta għal €8,057. B'hekk id-dħul medju tal-attur f'dan il-perijodu jista' jitqies li kien ta' €13,389. Dan id-dħul irid jiġi aġġustat sabiex tingħata konsiderazzjoni għall-effett tal-inflazzjoni[61] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*.[62] Dan ifisser li fuq medda ta' 10 snin, id-dħul ta' John Spiteri kien mistenni li jiżdied għal

[61] F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti qalet illi: "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."

[62] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

€14,674.34. Jekk wieħed jieħu id-dħul medju għall-imsemmi perijodu, €13,389 + €14,674.34 / 2, is-salarju medju li fuqu sejjer jinħadem il-*lucrum cessans* f'dan il-każ, huwa ta' €14,031.67.

F'kawżi li jittrattaw talba għal-likwidazzjoni tad-danni minħabba mewt, il-Qrati tagħha spiss iqisu l-fattur tal-grad ta' dipendenza li l-atturi fil-kawża jkollhom fir-relazzjoni tagħhom mal-vittma tal-inċident, b'mod li tinħoloq differenza bejn sitwazzjoni fejn il-persuna li titlef ħajjitha tkun il-kap ta' familja, li minnu jkun jiddependi l-għajxien tal-familja tiegħu, u sitwazzjoni fejn min jitlef ħajtu b'mod traġiku jkun wild jew xi membru ieħor tal-familja. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Turner et *vs.* Agius et**[63], minħabba fid-diversi konsiderazzjonijiet li saru f'dik is-sentenza:

> "Għall-finijiet tal-prinċipju tad-*dependency* hemm differenza fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja, li minnu din tkun qiegħda tiddependi direttament, għal xi sitwazzjoni oħra fejn invece għaż-żamma u għixien tagħha si tratta ta' membru ieħor ta' familja li qiegħda tgħix fi ħdanha u li fin-normalità tal-ħajja l-probabbilità tkun li din tieħu l-istat tagħha jew tmur tgħix għal rasha.
>
> L-awturi Kemp & Kemp fil-ktieb magħruf tagħhom, *'The Quantum of Damages',* jgħidu: *Each case of course must depend on its particular facts but there is one factor common to most cases where a deceased son was unmarried and had been contributing quite a substantial sum to his parent or parents. That factor is the possibility or even the probability that if he had not died he would some day have married and in consequence his contribution to his parents would have ceased or become much smaller.*
>
> ...
>
> L-istess jista' jingħad għal dak li jirrigwarda l-**<u>konsum personali</u>**. Ir-realtà tal-ħajja hija li wieħed jonfoq il-maġġior parti tad-dħul tiegħu. Ta' min joħroġ id-distinzjoni bejn il-mewt (ekwiparata għal diżabilità totali) u d-diżabilità ta' 100% (eż – min jiġi ridott għal ħajja f'*wheelchair* b'telf assolut tal-fakoltà mentali). Fil-liġi, il-

[63] Q.A. 28.11.2003.

> kwantifikazzjoni tad-danni m'għandhiex tkun ta' konsolazzjoni ta' flus. Il-kwantifikazzjoni trid tħares lejn dak li jitlef min jiġi 'l quddiem u javvanza pretensjoni."

F'din il-kawża peress li wlied John Saliba kienu tista' tgħid fil-bidu tal-ħajja tax-xogħol tagħhom, il-Qorti mhi ser talloka l-ebda tnaqqis marbut mal-grad ta' dipendenza tal-atturi fil-konfront tal-vittma. Fir-rigward ta' tnaqqis minħabba fil-konsum personali, il-Qorti sejra tnaqqas l-ammont ta' 25%.

Dwar tnaqqis minħabba l-fatt li d-danni sejrin jitħallsu permezz ta' pagament ta' darba, fis-sentenza fl-ismijiet **Jos Agius *vs.* All Services Ltd**[64] ġie ritenut:

> **"**F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (*lump sum payment)* lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun ser tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konsewetudini tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."

Għalhekk is-somma kif likwidata bħala *lucrum cessans* hija: €14,031.67 x 10 (*multiplier*) = €140,316.70 x 100 % diżabilità permanenti (minħabba mewt) = €140,316.70 - 25% (konsum personali) = €105,237.53 - 20% (*lump sum payment*) = €84,190.02 (erbgħa u tmenin elf, mija u disgħin Euro u żewġ ċenteżmi).

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

---

[64] P.A., 02.06.2005.

**1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi b'riżultat tad-delitt li seħħ fid-19 ta' Ġunju, 2013 meta l-istess konvenut dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' John Spiteri f'periklu ċar, saq fid-direzzjoni tal-imsemmi John Spiteri u tajru b'vettura tat-tip Daihatsu Terios b'numru ta' reġistrazzjoni IBJ 565 u kkaġunalu l-mewt;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' tmienja u tmenin elf, tmin mija u sitt Euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€88,806.26), rappreżentanti danni materjali u telf ta' qligħ futur sofferti mill-atturi, b'dan illi minn dan l-ammont totali ta' danni, is-somma ta' erba' mija u ħamsin Euro (€450) għandha titħallas direttament lil Rose Spiteri bħala spejjeż li għamlet sabiex attendiet għal sessjonijiet mal-psikjatra minħabba fl-imsemmi inċident, u s-somma ta' seba' mija u għoxrin Euro (€720) għandha titħallas direttament lil Matthew Spiteri bħala spejjeż li għamel sabiex attenda sessjonijiet mal-psikjatra minħabba fl-imsemmi inċident;**

**3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas dawn id-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.